

32006R0701

9.5.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 122/3

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 701/2006

tal-25 ta' April 2006

li jstabilixxi regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2494/95 rigward il-kopertura temporali tal-ġbir ta' prezzijiet fl-indiċi armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

Il-Kunsill Ta' l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 tat-23 ta' Ottubru 1995 dwar l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tielet sub-paragrafu ta' l-Artikolu 4 u l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽²⁾, kif meħtieġ skond l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 2494/95,

Billi:

- (1) L-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur (*harmonised indices of consumer prices*, ("HICPs")) huma ċifri armonizzati ta' inflazzjoni meħtieġa mill-Kummissjoni u mill-Bank Ċentrali Ewropew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt l-Artikolu 121 tat-Trattat. L-HICPs huma mfasslin sabiex jiffaċilitaw il-paraguni internazzjonali ta' l-inflazzjoni tal-prezzijiet għall-konsumatur. Huma jservu bħala indikaturi importanti għall-immaniġġar tal-politika monetarja.
- (2) Taħt l-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 2494/95, kull Stat Membru huwa meħtieġ, bħala parti mill-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament, li jipproduċi HICP li tibda bl-indiċi għal Jannar 1997.
- (3) L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2494/95 jirrikjedi li l-HICP għandu jkun ibbażat fuq il-prezzijiet ta' merċi u servizzi disponibbli għax-xiri fit-territorju ekonomiku ta' l-Istati Membri bl-iskop li jaqdu b'mod dirett il-bżonnijiet tal-konsumatur.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1749/96 tad-9 ta' Settembru 1996 dwar miżuri ta' implementazzjoni inizjali għar-Regolament tal-Kunsill (KE)

Nru 2494/95 li jikkonċerna indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur ⁽³⁾, iddefinixxa l-kopertura ta' l-HICP bħala dawk il-merċi u s-servizzi li huma inklużi fl-ispiża monetarja domestika finali għall-konsum li ssir, *inter alia*, fit-territorju ekonomiku ta' l-Istat Membru, f'wieħed mill-perjodi ta' żmien paragonati jew fit-tnejn li huma.

- (5) L-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1749/96 jeħtieġ li l-HICP jkun mibni minn kampjuni mmirati li jkollhom prezzijiet suffiċjenti fi ħdan kull aggregat elementari sabiex jittieħed kont tal-varjazzjoni fil-movimenti tal-prezzijiet fil-popolazzjoni.
- (6) Id-differenzi fil-perjodi tal-ġbir ta' prezzijiet jistgħu jwasslu għal differenzi sinifikattivi fil-bidla kalkolata tal-prezzijiet għall-perjodi paragonati.
- (7) Huwa meħtieġ approċċ armonizzat fir-rigward tal-kopertura temporali ta' l-HICPs sabiex ikun żgurat li l-HICPs li jirriżultaw jissodisfaw ir-rekwiżiti fir-rigward tal-komparabbiltà, kredibbiltà, u relevanza taħt it-tielet sub-paragrafu ta' l-Artikolu 4 u taħt l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 2494/95.
- (8) Il-ġbir ta' l-indiċi ta' l-Unjoni Monetarja tal-prezzijiet għall-konsumatur (*Monetary Union index of consumer prices*, "MUICP") u l-indiċi Ewropew tal-prezzijiet għall-konsumatur (*European index of consumer prices*, "EICP") jeħtieġu kunċett armonizzat għall-kopertura temporali ta' l-HICPs. Dan ma għandux madankollu jipprekludi l-ħruġ ta' HICPs provviżorji jew ta' stimi rapidi ta' l-HICP tal-bidla medja fil-prezzijiet ibbażati fuq parti mill-informazzjoni dwar il-prezzijiet osservati fix-xahar li għalih jirrifere l-indiċi kurrenti.
- (9) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1921/2001 tat-28 ta' Settembru 2001 li jstabilixxi regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 dwar *standards* minimi għar-reviżjonijiet ta' l-indiċi armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2602/2000 ⁽⁴⁾ jistipula li l-bidliet fis-sistema tar-regoli armonizzati ma għandhomx jirrikjedu reviżjonijiet, iżda li, fejn neċessarju, għandhom isiru stimi ta' l-impatt fuq ir-rati annwali tal-bidla ta' l-HICP.

⁽¹⁾ ĠU L 257, 27.10.1995, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

⁽²⁾ Opinjoni tas-27 ta' Frar 2006 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ ĠU L 229, 10.9.1996, p. 3. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1688/98 (ĠU L 214, 31.7.1998, p. 12).

⁽⁴⁾ ĠU L 261, 29.9.2001 p. 49.

(10) Il-Kumitat dwar il-Programm ta' l-Istatistika ġie kksultat skond l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KKE, Euratom tad-19 ta' Ġunju 1989 li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi ta' l-Istatistiċi tal-Komunitajiet Ewropej ⁽¹⁾,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

Għan

L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jistabbilixxi *standards* minimi għall-perjodi ta' għbir ta' prezzijiet sabiex ikunu mtejba l-komparabbiltà, il-kredibbiltà u r-relevanza ta' l-HICPs.

Artikolu 2

Rappreżentanza

L-HICP hija statistika kampjunarja li għandha tirrappreżenta l-bidla medja fil-prezzijiet bejn ix-xahar kalendarju ta' l-indiċi kurrenti u l-perjodu li miegħu isir il-paragun.

Artikolu 3

Standards minimi għall-għbir tal-prezzijiet

1. Il-għbir tal-prezzijiet għandu jsir matul, għall-inqas, perjodu ta' ġimgħa ta' xogħol fi jew lejn in-nofs tax-xahar kalendarju li għalih jappartjeni l-indiċi.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, nhar il-25 ta' April 2006.

Għall-Kunsill

Il-President

J. PRÖLL

2. Fejn prodotti ikunu magħrufa li tipikament juru bidliet qawwija u irregolari fil-prezzijiet fi ħdan l-istess xahar, il-għbir tal-prezzijiet għandu jsir fuq perjodu ta' aktar minn ġimgħa waħda ta' xogħol.

Din ir-regola għandha tapplika b'mod partikulari għall-prodotti li ġejjin:

(a) prodotti ta' l-enerġija; u

(b) ikel frisk, bħal frott u ħxejjex.

Artikolu 4

Implementazzjoni

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu implementati mhux aktar tard minn Diċembru 2007 u jibdew ikollhom effett flimkien ma' l-indiċi għal Jannar 2008.

Artikolu 5

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

⁽¹⁾ ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.